# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju 2002**

**Numru 191**

**Citaz. numru: 1068/99/1**

**Marisa Abela f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' wliedha minuri Jeanette, Raisa u Christabelle ahwa Abela**

**vs**

**Joseph Abela**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fl-10 ta' Mejju 1999 fejn ippremettiet:

"Illi l-konvenut irrenda ruhu hati versu l-istanti ta' mohqrija, sevizzi, xehha tant li b'rizultat ta' dan il-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibbli oltre li z-zwieg ta' bejniethom tkisser irremedjabilment;

Illi l-attrici applikat u ottjeniet digriet mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili (Digriet Numru 376/99) biex tkun tista' tipprocedi bl-appozita azzjoni fil-konfornt ta' zewgha ghall-firda personali;

TALBET li din il-Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-konvenut u tawtorizza lill-istanti tghix separata minn zewgha;

2. taffida lill-attrici l-kura w il-kustodja ta' l-ulied minuri Jeanette, Raisa u Christabelle salv id-dritt ta' l-access lill-konvenut;

3. tiffssa ghall-attrici u ghall-ulied minuri r-retta alimentarja f'dak l-ammont u b'dik il-modalita' li joghgobha tiffissa ghal dan l-iskop;

4. tapplika interament jew in parte s-sanzjonijiet mahsuba fil-Kodici Civili dwar il-firda personali;

5. tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti vigenti bejn il-kontendenti u tassenjaha skond kif dina l-Qorti jidhrilha xieraq;

Bl-ispejjez, komprizi l-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit li huwa kopja tad-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili li awtorizzat dawn il-proceduri apparti milli tat provvedimenti ohra *pendente lite*.

Il-konvenut debitament notifikat ma deherx ghall-ewwel seduta tas-16 ta' Settembru 1999 kif anqas ma deher ghas-seduti sussegwenti. (Huwa rilevanti illi l-konvenut, intimat f'dawk il-proceduri, anqas ma deher ghas-seduta quddiem is-Sekond'Awla fejn ukoll kien gie debitament notifikat).

Fl-ewwel dehra l-Qorti kienet innominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Veronica Galea Debono biex tigbor il-provi. Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2001 pero' sa liema data kienu ghadhom ma ngabux provi l-Qorti semghet ix-

xhieda ta' l-attrici li ddikjarat, tramite d-difensur taghha, li ma kellhiex aktar provi u, ghalhekk, il-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:

Ghandu jkun ovvju illi l-Qorti tista' tasal biss ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici fil-parametri tax-xhieda minnha moghtija. Minn din ix-xhieda, mhux kontradetta, jirrizulta illi l-koppja ghandha tlett itfal minuri li jghixu u huma mantnuti totalment mill-attrici u li, pero', il-konvenut ma wera ebda interess li jkollu access ghalihom.  L-attrici ma tahdimx.  Skond hija l-konvenut jahdem billi jikri z-zwiemel.  Hija, pero', ma kenitx f'posizzjoni li taghti ndikazzjoni ta' l-introjtu tieghu.  Ma jirrizultax illi hemm xi assi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija din il-kawza hija deciza billi l-Qorti:

1. tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htija jew htijiet

imputabbli lill-konvenut u tawtorizza lill-attrici tghix separata minn zewgha;

2. tilqa' t-tieni talba u taffida lill-attrici l-kura w il-kustodja ta' l-ulied minuri Jeannette, Raisa u Christabel b'dan illi tirrizerva li tipprovdi ghad-dritt ta' access tal-konvenut fi stadju ulterjuri u dan wara talba appozita f'dan is-sens;

3. tilqa' t-tielet talba u tiffissa ghall-attrici u ghall-uliedha minuri r-retta alimentari ta' tletin lira Maltin (Lm30) fil-gimgha, hmistax-il lira Maltin (Lm15) ghall-attrici u hmistax-il lira Maltin (Lm15) ghat-tlett itfal minuri li ghandhom jithallsu fl-ewwel gimgha ta' kull xahar fir-residenza ta' l-istess attrici;

4. tilqa' r-raba talba u tapplika interament is-sanzjonijiet mahsuba fil-Kodici Civili dwar il-firda personali. Ghall-fini ta' l-Artikolu 48 (1)(c) ta' l-istess Kodici d-data ta' meta l-konvenut ghandu jitqies li kien hati tal-firda huwa April tal-1996;

5. tilqa' l-hames talba limitatament billi tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet izda tastieni milli tillikwidaha u tassenja l-istess.

Fil-meritu u fil-kontumaci tal-konvenut l-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba ghandhom jithallsu minnu.

Deputat Registratur

rf.